Minuti tal-laqgħa numru wieħed u ħamsin (51) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR), li nżammet nhar l-Erbgħa, 13 ta' Lulju 2022, fis-6:10pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Chris Farrugia | Kunsillier |
| | *Is-Sra Janice Busuttil | Kunsillier |
| | Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

* Kienet On-Line

**1 Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Talba Presedenza Apoloġiji

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus.

Is-SE qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Matthew Chetcuti li ntbagħtet l-għodwa ta' qabel fejn talab li jkun skużat kif fil-fatt kien.

Nota: Wara l-laqgħa, is-SE sab talba oħra fl-e-mail mis-Sur Kris Grech biex ikun skużat ukoll.

**51.02 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru ħamsin (50)**

Minuti

Il-minuti tal-laqgħa ħamsin kienu pprovduti mal-agenda, dawk kienu meqjusa bħala moqrija. Kienu proposti għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondati mis-Sra Doris Coleiro u unanimament approvati u ffirmati.

**51.03 Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 337 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 56**

Ċedoli ta' pagamenti u xogħlijiet

Iċ-ċedola tal-pagamenti numru 337 kienet approvata u ffirmata flimkien mal-Works / Purchase Orders numru 56 skont kif preżentata mis-SE.

**51.04 Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**51.04.01** Is-Sur Nazju Cassar talab sabiex jitressaq l-isem tal-kunsillier li għad irid jieħu l-ġurament minflok l-eks kunsillier is-Sur Ian Vassallo li nħatar membru tad-deputati. Hu innomina lis-Sur Norbert Grech u ssekondaħ is-Sur Rudolph Grima. Il-mozzjoni ta' proċedura għaddiet unanimament u dan se jkun ikkomunikat lill-awtoritatjiet hekk kif tintemm il-laqgħa.

Nomina tas-Sur Norbert Grech

**51.04.02** B'riferenza għall-minuti tas-seduta preċedenti propju 50.04.03 dwar il-qtugħ tal-ħaxix ħażin b'mod urġenti, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi kellna bilfors nintervjenu fl-Isqaq tal-Marċ u taħt il-belveder ta' Għeriexem għax kien hemm il-biża li jaqbdu bin-nar partijiet oħra wara li kien hemm l-inċident fejn saħansitra bin-nar tal-ajru sploda ċilindru tal-gas f'għalqa u rieghed ir-Rabat u l-Imtarfa. Madankollu ix-xogħlijiet baqgħu għaddejjin u inqata' l-ħaxix ħażin in-naħa ta' Santa Katerina tad-Daħla u fis-Salvatur.

Ħaxix selvaġġ

Is-Sur Sandro Craus ta l-inkarigu lis-Sur Nazju Cassar sabiex jissorvelja lill-kuntrattur tal-qtugħ tal-ħaxix għaliex wieħed jifhem illi dan jista' jkun

ta' periklu fit-temperaturi sħan minħabba t-tibdil fil-klima ta' 'il fuq minn 40 grad celsius. Bħalissa qed jinqata' l-ħaxix fit-Triq tal-Baħrija u kien propost biex jinqata' dak ta' Binġemma, in-Nadur u l-Għemieri.

51.04.03 Issemma' ir-*refurbishment* tal-Kunsill fi Triq l-Isptar ukoll fil-punti mill-minuti. Dwar dan ix-xogħol, is-SE qal illi biex tinfetaħ il-ħnejja u tikber l-ewwel kamra fis-sular t'isfel fejn ġej ir-*reception*, se jkun hemm bżonn jiċċaqlaq għan-nofs bieb eżistenti li jagħti għall-uffiċċju tas-Sindku fis-sular ta' fuq bi ftit metri biex il-ħajt jibqa' jiflaħ is-saqaf. Dan kien approvat u se jinstab post fejn jiddendlu erbat ibnadar fil-galleriji (tal-KLR, Reġjun, Malta u l-Ewropa). F'dan il-punt, is-Sindku qal illi jistenna illi jkun hemm ukoll *input* mil-kunsillieri fl-*interior design* speċjalment mis-Sinjuri Rudolph Grima u s-Sa Janice Busuttil li jifhmu f'dan il-qasam.

Refurbishment fil-Kunsill Lokali

51.04.04 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus semma' ix-xogħlijiet previsti fis-Saqqajja u qal illi l-proċess tal-applikazzjoni jidher li waqaf mill-Awtorità tal-Ippjanar minħabba xi teknikalitajiet bħad-dwal u r-rampi. Hu qal illi dan ukoll huwa proġett ambizzjuż ieħor li qed naħdmu fuqu biex l-istess Misraħ ma jibqax mejjet b'parkeġġ iżda jiżdiedu n-nies igawdu l-veduta ta' Malta.

Misraħ is-Saqqajja

**51.05 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni tal-kuntratt tal-Play Equipment**

Ġnien Bir Iljun

Dwar ix-xogħlijiet ta' Ġnien Bir Iljun, kien ippreżentat ir-rapport tal-membri tal-bord ta' evalwazzjoni u l-play equipment kien irrakkomandat li jieħdu il-kuntrattur Gokker Ltd peress li kien l-orħos. Il-KLR ma kellux oġġezzjoni u se mmexxu bl-*awarding* tat-tender filwaqt li s-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi l-ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet se jirranġaw il-fence tal-ħadid u se jkomplu l-istess fence għal fuq in-naħa tal-*car park*. Ix-xogħol tal-pavimentar bil-*hardstone* fuq in-naħa ta' wara tal-ġnien, peress li kien imkagħbar, issa jinsab fi stadju avvanzat.

**51.06 L-għażla tas-sit biex napplikaw għal skema lokali dwar DLG/SPI/SCI/6/2022**

Fondi ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri

Kien magħżul għal sena oħra is-sit ta' Vjal Santu Wistin u Pjazza Santu Wistin biex il-KLR japplika għall-fondi lokali bl-isem Fondi ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Din l-applikazzjoni kienet saret is-sena l-oħra u peress li l-applikazzjoni ma kienetx iffirmata minn Electrical Engineer, konna ġejna skwalifikati. Kien suġġerit li tintalab l-għajnuna tas-Sur Christian Scerri.

**51.07 Majjistral Action Group Foundation – Applikazzjonijiet għal erbgħa miżuri ġodda**

L-applikazzjonijiet tal-MAGF

Kien spjegat mis-SE li hemm fil-fatt tliet applikazzjonijiet miftuħa. Waħda għar-restawr u qed ikun propost ir-restawr ta' erba' statwi tal-ħaġar quddiem il-Knisja ta' Santu Wistin, waħda mal-faċċata tal-Knisja ta' Ġieżu u tlieta oħra fl-akwata tal-Knisja ta' San Franġisk. Dwar dan kien hemm l-approvazzjoni tal-KLR.

Applikazzjoni oħra hija għal *Community conference room*. Il-KLR se japplika għall-kamra ta' fuq tal-Uffiċċju Muniċipali f'8 Triq l-Isptar, dejjem jekk mhux se tkun rifjutata għal fatt li laħqet ħarġet it-tender tar-refurbishment tal-uffiċċju mingħajr il-logos tal-GAL Majjistral u l-oħra għal Mobile App / Website biex nippromwovu s-siti storiċi fir-Rabat. Kien

hemm approvazzjoni b'mod unanimu dwar dawn it-tliet proposti biex l-SEM jgħinuna nippreparaw l-applikazzjonijiet.

**51.08 Jum ir-Rabat (Ġieħ ir-Rabat) 2022** Jum ir-Rabat

Apparti l-ismijiet ta' persuni biex jingħataw rikonoxximent imsemmija fil-laqgħa preċedenti, kien hemm proposta oħra tas-Sra Janice Busuttil dwar Biuren Grima li ħa sehem fil-kompetizzjonijiet tat-tlielaq bil-muturi u ġie minn ta' quddiem. Intant dwar Jum ir-Rabat 2022 is-Sur Rudolph Grima se jiltaqa' mal-istaff li qed jaħdem dwar dan l-avveniment nhar it-18 ta' Lulju 2022 fl-10:00am wara li uffiċjali tar-Reġjun Punent se jiġu jaraw jekk l-ispazju tas-saqaf taċ-Ċentru Ċiviku hux addattat biex jinbidel f'*roof garden*. Is-Sindku qal illi hemmhekk hemm diversi *generators* u aġġeġġi oħra taċ-Ċentru tas-Saħħa li kważi impossibbli li jsir hemmhekk. Infatti hu issuġġerixxa is-saqaf tal-bini tal-KLR f'8, Triq l-Isptar.

Green Roof mir-Reġjun Punent

**51.09 Tiġdid tal-Vacation Leave tas-Segretarju Eżekuttiv** Vacation Leave

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat ma kellux oġġezzjoni biex it-talba tas-SE biex numru ta' siegħat tal-Vacation Leave tas-sena 2022 jinżammu għall-2023. Din it-talba trid issir lid-Diviżjoni Gvern Lokali.

**51.10 Fashion Show mil-KLR fis-16 t'Ottubru 2022** Fashion Show

Dwar din l-attività se ssir laqgħa mis-Sra Janice Busuttil fl-uffiċċju tagħna kmieni l-ġimgħa d-dieħla ħalli nikkonkludu l-preparamenti.

**51.11 Approvazzjoni tal-Aġġustamenti proposti mill-Awditur għas-sena 2021 u l-Audited Financial Statements 2021** *Audited Financial Statements 2021*

Kienu approvati unanimament l-*Audited Financial Statements 2021* kif provduti minn Grant Thornton u dawn se jkunu qed jiġu ffirmati biex jgħaddu għand l-Awditur Ġenerali fil-jiem li ġejjin.

**51.12 Proposta biex Pjazza fl-appartamenti ta' Għeriexem tingħata l-isem Pjazza San Ġużepp** Tismija ta' msieraħ u toroq.

Il-proposta biex Triq il-Karrijiet u / jew parti minn Triq Doni tiġi msemmija għall-Isqof Silvestru Magro ma kienetx milqugħa mil-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq fi ħdan l-Uffiċċju Elettorali, kif lanqas ma kien milqugħ il-bdil ta' Triq Santa Rita fi Triq il-Bażilika. Il-Kunsill Lokal tar-Rabat qed jikkunsidra illi Pjazza San Ġużepp issir Pjazza l-Isqof Silvestru Magro u l-pjazza ta' Għeriexem issir Misraħ San Ġużepp. Sadanittant, waħda mit-toroq/sqaqien f'Wied il-Qlejgħa, qed tkun rakkomandata anke mil-Kumitat li tingħata l-isem ta' Triq Oswald Chadwick minflok Triq il-Lewż li diġa' teżisti fil-Baħrija.

**51.13 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tat-Tieni kwart tas-sena 2022** Rapport Finanzjarju Jannar-Ġunju

Ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena 2022 kien approvat b'vot unanimu. Kien innotat żbilanċ ta' €2,871 bejn l-*income u l-expenditure* fl-ewwel sitt xhur tas-sena 2022.

**51.14 Ġbir tal-ħġieġ minn wara l-bibien** Ġbir tal-Ħġieġ – waqfa mil-kuntrattur

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus irrefera għal diversi *e-mails* li kien hemm mal-Iskema GreenMT fejn dawn qabdu u waqqfu l-kollezzjoni tal-ġbir tal-ħġieġ ħabta w sabta. Il-KLR se jagħmel minn kollox biex dan is-servizz jibqa jingħata għas-servizz tar-Rabtin u fl-istess ħin għall-benefiċċju ambjentali. Is-SE fakkar kif il-ħġieġ bil-piż tiegħu mitfugħ fil-boroż is-

suwed, irid jagħmel tajjeb għalih il-KLR peress li din tintiżen mill-Wasteserv Malta Ltd u jibgħatulna l-kont kull xahar.

**51.15 Punti Oħra**

**51.15.01** Is-SE ressaq talba fi ħdan il-KLR għan-nom ta' Ms Melanie Sarcia li tinsab taħdem magħna fuq skema tal-*Community Works Scheme* biex tibda taħdem mid-dar. Hu qal illi din il-persuna għandha diffikultajiet familjari u intalbet tassisti billi tinqaleb linja tat-telefon fuqha biex tieħu ħsieb it-talbiet li jsiru b'mod remot. Il-KLR approva t-talba b'vot unanimu u issa se ssir it-talba lid-*District Operations Ltd* li jħaddmuha huma fil-Muniċipju tagħna. Melanie Sarcia

**51.15.02** Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri illi l-KLR se jibbenefika minn skema lokali ta' *Ambjent Malta* fuq *Urban Greening* biex iwettaq proġett ta' vertical wall mas-Sub Station tal-Enemalta fi Triq Santa Rita kif ukoll tinda li se tissaqqaf bil-*climbers* bejn Triq Santa Rita u Triq ir-Rebħa. Embellishment fi Triq Sta Rita

**51.15.03** Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri illi l-KLR se jibbenefika minn xiri ta' van tal-elettriku għal persuni anzjani minn skema lokali oħra li konna applikajna għaliha. Is-SE se joħroġ is-sejħa għal 7 *seater van* peress li bħalissa m'hawnx fis-suq vannijiet *9 seater*. Van tal-elettriku tal-passiġġieri-Skema ta' Mobilità

**51.15.04** Is-Sur Rudolph Grima talab lill-KLR sabiex kif kien isir fil-passat, jippromwovi wirjiet tal-arti possibilment permezz ta' biċċiet tal-arti li jibqgħu permanentement fil-KLR u jsiru esklussivament propjetà tagħna. Kien hemm qbil unanimu dwar dan u s-Sindku, is-Sur Sandro Craus esebixxa imkwatru li irregalah lilna is-Sur Gherxi sid ta' bar fi Pjazza San Katald. Dan jirraffigura l-koppla tal-Bażilika u se jinżamm b'għożża fil-Bini tal-KLR filwaqt li l-KLR irringrazzja formalment lis-Sur Gherxi. Wirjiet tal-Arti Permanenti fil-KLR

**51.16 Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss** Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00pm u dik li jmiss se tinżamm nhar l-10 ta' Awwissu fl-istess ħin u post.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 10 ta' Awwissu, 2022 minn Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku